**24 ta' Frar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manche` LL.D.**

Stefan Zrinzo Azzopardi *noe*

*versus*

Michael Vella *noe*

## Kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi biex issir kontro-talba - Tpaċija - Azzjoni Kambjarja

*Mid-disposizzjonijiet tal-liġi joħroġ ċar li l-kontro-talba tista' ssir mhux biss meta tkun konnessa mat-talba ta' l-attur iżda tista' ssir ukoll bi skop ta' kompensazzjoni jew bl-iskop biex b'kull mod ieħor iġġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew timpedixxi l-effetti ta' l-azzjoni attriċi. Għalhekk il-kontro-talba tista' ssir bl-iskop ta' tpaċija.*

*Illi l-Qrati ġa' stabbilew illi l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jikkontempla ċerti eċċezzjonijiet fl-azzjoni kambjarja mhux ostakolu għall-eżerċizzju tad-dritt li tagħmel kontro-talba.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur *nomine* ppremetta:

Illi l-konvenut *nomine* jinsab debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' mitejn u tlieta u disgħin lira maltija (Lm293), ammont dovut rappreżentanti import ta' kambjala skaduta fil-21 ta'Lulju, 1989 u dovuta lis-soċjeta` attriċi (Dokument "A");

Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex iħallas dan l-ammont, il-konvenut *nomine* baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

Talab li din il-Qorti għar-raġunijiet fuq premessi:

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' mitejn u tlieta u disgħin lira maltija (Lm293) ammont dovut rappreżentanti import ta' kambjala skaduta fil-21 ta' Lulju, 1989 u dovuta lis-soċjeta' attriċi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju, 1992 u tal-mandat kawtelatorju tas-sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali dovuti mill-21 ta' Lulju, 1989 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut *nomine*";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' Carmelo Vella, Raymond Vella u John Vella ppreżentata fl-1 ta' Novembru, 1993 li biha bħala diretturi u għan-nom tas-soċjeta' konvenuta assumew l-atti minflok Michael Vella li miet fis-7 ta' April, 1993;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew:

"Illi mhuwiex ikkontestat li l-konvenut *nomine* kien iffirma kambjala li skadiet fil-21 ta' Lulju, 1989 fl-ammont ta' mitejn u tlieta u disgħin lira maltija (Lm293). Iżda peress illi s-soċjeta' attriċi ma wettqitx ix-xogħol skond is-sengħa u l-arti kif ukoll ma spiċċatux skond l-ordni tas-soċjeta' konvenuta din is-somma mhix dovuta stante li s-soċjeta' konvenuta hija kreditriċi tas-soċjeta' attriċi fl-istess ammont jew ammont ieħor verjuri, skond kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi għalhekk għandu jsir tpaċija, għal-liema skop ser issir l-

infraskritta kontro-talba;

Salvi eċċezzjonijiet oħra jekk ikun hemm bżonn";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti *nomine*;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* li biha esponew:

"Illi l-eċċipjenti *nomine* jridu jinqdew biċ-ċitazzjoni li għamel l-attur *nomine* hawn rikonvenut biex jagħmlu kontro-talba prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Illi s-soċjeta' Panorama Co. Ltd., kienet ordnat xogħol mingħand is-soċjeta' attriċi, hawn rikonvenuta liema xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti kif ukoll ma ġiex kompletat skond l-ordni ta' l-imsemmija soċjeta' Panorama Co. Ltd., skond kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi huwa veru li s-soċjeta' Panorama Co. Ltd., kienet iffirmat kambjala li skadiet fil-21 ta' Lulju, 1989 fl-ammont ta' mitejn, tlieta u disgħin lira maltija (Lm293), pero' din kienet ġiet iffirmata qabel ma x-xogħol kien beda;

Illi l-import ta' l-imsemmija kambjala għalhekk mhuwiex dovut minħabba r-raġunijiet fuq premessi;

Talbu li din il-Qorti:

Tiddikjara li x-xogħol imwettaq mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta ma sarx skond is-sengħa u l-arti kif ukoll ma ġiex

kompletat skond l-ordni tas-soċjeta` Panorama Co. Ltd., okkorrendo bin-nomina ta' periti *nominandi*;

Tiddikjara li l-ammont li jrid jintefaq biex is-soċjeta` Panorama Co. Ltd. tagħmel tajjeb għan-nuqqas tas-soċjeta` attriċi rikonvenuta li twettaq ix-xogħol skond is-sengħa u l-arti u tikkompleta tali xogħol jammonta għal mitejn tlieta u disgħin lira maltija (Lm293);

Tordna t-tpaċija bejn iż-żewġ ammonti in kwistjoni;

In konsegwenza, tiddikjara lis-soċjeta` attriċi rikonvenuta mhix kreditriċi tas-soċjeta` Panorama Co. Ltd., fl-ammont ta' mitejn, tlieta u disgħin lira maltija (Lm293) u ċjoe` l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* rikonvenut rappreżentanti import ta' kambjala li skadiet fil-21 ta' Lulju, 1989 stante li s-soċjeta` attriċi rikonvenuta qiegħda tesiġi l-ħlas ta' dan l-ammont għal xogħol li ma sarx skond is-sengħa u l-arti u li ma ġiex kompletat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-attur *nomine* rikonvenut;

B'riserva għal kull azzjoni ta' danni li soffriet is-soċjeta` Panorama Co. Ltd. u li tista' ssofri fil-futur";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti *nomine* rikonvenzjonanti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur *nomine* għall-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepixxa:

"Illi, preliminarjament, il-proċedura ta' rikonvenzjoni proposta

mill-konvenuti hija insostenibbli fil-każ odjern, stante illi ma teżisti ebda konnessjoni bejn it-talba attriċi u l-kontro-talba tal-konvenuti;

*Omissis*;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-eċċezzjoni preliminari ta' l-attur *nomine* għall-kontro-talba tal-konvenut *nomine* fis-sens li "preliminarjament, il-proċedura ta' rikonvenzjoni proposta mill-konvenuti hija insostenibbli fil-każ odjern, stante illi ma teżisti ebda konnessjoni bejn it-talba attriċi u l-kontro-talba tal-konvenuti";

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza qiegħda tinvesti biss l-eċċezzjoni preliminari ta' l-attur *nomine* hawn fuq iċċitata;

L-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jiddisponi li:

"Fil-kawżi, il-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jingħad hawn taħt;

Meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba ta' l-attur; jew

Meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha";

Mid-disposizzjoni hawn fuq ċitata joħroġ ċar li l-kontro-talba tista' issir ukoll bi skop ta' kompensazzjoni jew bl-iskop biex b'kull mod ieħor iġġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew timpedixxi l-effetti ta' l-azzjoni ta' l-attur. Għalhekk, mhux korrett l-attur meta jeċċepixxi li l-proċedura ta' rikonvenzjoni proposta mill-konvenuti hija insostenibbli fil-każ billi jallega li ma teżisti ebda konnessjoni bejn it-talba attriċi u l-kontro-talba tal-konvenuti u dan billi l-kontro-talba qiegħda ssir bl-iskop ta' tpaċija, kif jirriżulta mit-tielet domanda tal-kontro-talba. Inoltre, ir-raba' talba rikonvenzjonali hija biex jiġi ddikjarat li s-soċjeta` attriċi rikonvenuta mhix kreditriċi tas-soċjeta` konvenuta, liema kontro-talba tinkwadra ruħha wkoll fil-parametri leġislattivi tal-proċedura li tirregola r-rikonvenzjoni billi hija ntiża biex iġġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur *nomine*; kif ikkontemplat bl-istess artikolu 396;

Illi kif ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerċjali) bis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Novembru, 1988 fil-kawża fl-ismijiet **Dottor David Tonna *nomine* vs Boris Arcidiacono *nomine*** l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13) li jikkontempla ċerti eċċezzjonijiet fl-azzjoni kambjarja mhux ostakolu għall-eżerċizzju tad-dritt li tagħmel kontro-talba kkontemplat fl-artikolu 396 tal-Kap. 12 hawn fuq iċċitat;

*Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiddikjara li mhux minnu* dak li jallega l-attur li l-proċedura ta' rikonvenzjoni proposta mill-konvenuti *nomine* hija insostenibbli billi skond hu ma teżisti ebda konnessjoni bejn it-talba attriċi u l-kontro-talba tal-konvenuti

*nomine* għax fil-fatt, teżisti l-konnessjoni kkontemplata bl-artikolu 396 tal-Kap. 12, u konsegwentement tirrespinġi bħala infondata l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-attur *nomine* għall-kontro-talba tal-konvenuti *nomine*, bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*;

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża.